KLR 73/VII/2019

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ġimgħa 22 ta' Marzu 2019 fis-19.30.

PREŻENTI: Is-Sindku Dott. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri Joseph Debrincat, Michel Buttiġieġ u Marcel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATA: Il-membri Maria Portelli u Anthony Briffa.

Il-Kunsill aċċetta l-ittri ta' apoloġija tal-membri skużati.

## 73.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Wara t-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

### 73.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku daħal tard u l-laqgħa bdiet preseduta mill-Viċi Sindku.

Is-Sindku għarraf lill-membri li:-

73.2.1 l-offerta għat-tindif tat-toroq għalqet u qedgħa fil-fażi ta' aġġudikazzjoni;

73.2.2 reġgħet inħarġet is-sejħa għall-offerti tal-ġbir tal-iskart domestiku. Din tagħlaq nhar is-16 t'April 2019.

### 73.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

Tressqet korrispondenza mingħand:-

73.3.1 Id-Dipartiment għal Gvern Lokali rigward:-

73.3.1.i ir-rapport 'A Benchmark for National Performance Indicators';
73.3.1.ii regolamenti dwar il-ħarsien tas-siġar u l-imsaġar;
73.3.1.iii żvilupp w implimentazzjoni ta' strateġiji kulturali għall-Kunsilli Lokali u Reġjonali;

73.3.2 l-Assoċazzjoni Kunsilli Lokali rigward bliet u reġjuni għal integrazzjoni tal-migranti;

73.3.3 iċ-Chairman tal-Awtorita' tad-Djar rigward 'Skema 2 – Manutenzjoni tal-komun fil-binjiet tal-Gvern, (2017 – 2020)'. Il-membri qablu li r-residenti f' taċ-Ċawla H.E. tal-*blocks* A, Ċ, D, HA, IA, IB u KA jerġgħu jingħataw l-opportunita' li jibenefikaw minn din l-iskema li ġiet estiża sal-2020;

73.3.4 Abi u Ema Morgan minn 'Ta' Nikol Gallery' li talbu l-apporvazzjoni tal-Kunisll sabiex jużaw il-*playing field* għall-proġett imniegħdi mill-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali. Il-membri qablu mal-proġett fih inniffsu, pero' m'humiex tal-fehma li dan isir fil-*playing field* minħabba li l-post hu suġġett għall-vandaliżmu;

73.3.5 Joe Camilleri rigward skart li hemm fuq l-għolja ta' Gelmus. Billi din ir-raba hi privata l-kunsill ma jistax jidħol fiha, minn naħħa l-oħra ser jara li ma jkunx hemm skart fit-triq li twassal sa fuq nett tal-għolja;

**73.4 Pjazza Santu Wistin**

73.4.1 Tressaq ir-rapport ta' evalwazzjoni tal-bord ta' aġġudikazzjoni fir-rigward tax-xogħol tad-dawl. Il-parir tal-bord hu li dan ix-xogħol jagħmlu Richard Cauchi. Dan ix-xogħol għandu jitħalla pendenti sakemm il-Kunsill ikollu l-finanzjament neċessarju li talab mill-UIF mill-Awtorita' tal-ippjanar.

73.4.2 Tressqet ittra mingħand Bertrand Gatt li hu resident f'din il-pjazza. Qed jissuġġerixxi li la l-Enemalta m'aċċettax li l-*wiring* tal-faċċati jitpoġġa mal-faċċati stess b'mod li ma jkunx viżibbli, Gatt qed jissuġġerixxi li jsiru l-*culverts* neċessarji u l-*feeder pilars*. Din il-materja ġiet diskussa mill-Kunsill u ttieħdu l-pariri kollha tal-Enġiniera tal-Enemalta u rriżulta li ma tkunx l-aħjar soluzzjoni minħabba li l-*culvert* joħloq diversi kumplikazzjonijiet peress li din il-pjazza tinsab f'*Urban Conservation Area*.

**73.5 Immaniġjar tat-Traffiku**

*Transport Malta* (TM) ħarġet permess għall-:-

73.5.1 *double yellow lines* maż-żewġ naħħat tal-garaxx 210, fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II;

73.5.2 *one metre double yellow lines* maż-żewġ naħħat tal-garaxx 62, fi Triq il-Kunsill Ċiviku;

73.5.3 *one metre double yellow lines* maż-żewġ naħħat tal-garaxx ta' 'St. John Flats', fi Triq Għajn Qatet;

73.5.4 *parking bays* u *road markings* f'taċ-ċawla H.E.;

73.5.5 *traffic management* u *parking bays* fi Triq Santa Martha;

73.5.6 parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem 'Casa Scicluna' fi Trqi Wied is-seqer;

73.5.7 parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem 'Redemptor', Fi Triq Ġuże' Ellul Mercer.

Il-Kunsill ser jitlob il-permess ta' TM għall:-

73.5.8 *one metre double yellow lines* maż-żewġ naħħat tal-garaxx 'Our Son' fi Triq Aniċi;

73.5.9 *double yellow lines* faċċata tal-garaxxijiet fi Triq Dun Pawl Micallef, fejn it-triq hi dejqa u l-gaaraxxijiet ma jistgħux jintużaw meta jkun hemm vetturi pparkjati n-naħħa l-oħra tat-triq;

73.5.10 tibdil fil-parkeġġi li hemm fit Triq Santa Marija. Dan minħabba li persuna li kellha parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' quddiem id-dar tagħħa ġiet nieqsa u dan il-parkeġġ irid jinbidel f'parkeġġ li jintuża minn kulħadd. F'din l-*area* jista' wkoll jiżdied parkeġġ ieħor;

73.5.11 sabiex isiru *double yellow lines* fi Triq Vajrinġa kantuniera ma Pjazzetta fuq it-Tomba.

**73.6 Tarmak fi Triq Ġorġ Pisani**

Tressaq ir-rapport ta' evalwazzjoni tal-bord ta' aġġudikazzjoni. Il-membri qablu li l-Kunsill jieħu l-parir tal-bord u l-offerta tingħata lil Gatt Tarmac Ltd.

**73.7 Estmi 2019**

Ġew approvati l-estmi għas-sena 2019. Dawn skont dokument A anness.

**73.8 Skola Primarja Belt Victoria**

Is-Sindku qal li qed tiġi ffirmat petizzjoni minn diversi ġenituri ta' tfal li jattendu l-iskola primara tal-Gvern fir-Rabat Għawdex. Din minħabba l-istat ta' periklu li hemm fl-istruttura ta' din l-iskola. Il-Kunsill dejjem kien favur li tinbena skola primarja ġdida għat-tfal tar-Rabat. Meta ma qablix kien biss għall-lok fejn kienet qed tiġi proposta li tinbena minħabba l-fatt li kien ser jittieħed il-grawnd tal-futbol Leli Farrugia u parti mill-*playing field* tar-Rabat. Fl-2003 il-Kunsill kien diġa' qal li trid tinbena skola ġdida.

Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand David Grech li hu ġenitur li għandu t-tfal jattendi f'din l-iskola u hu membru fil-Kunsill tal-iskola. Hu talab lill-Kunsill jiddiskuti din il-materja.

**73.9 Publikazzjoni ħidmet il-Kunsill**

Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jaħdem sabiex qabel tispċċa din il-leġislatura jiġu miġbura l-proġetti li saru f'publikazzjoni li titqassam lir-residenti Rabtin. Il-membri qablu.

**73.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti**

Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta' Marzu u April 2019 skont dokumenti B u Ċ annessi.

**73.11 Xogħolijiet oħra**

Il-membri qablu li:-

73.11.1 jsir ftit *patching* fejn jispiċċa t-tarmac ta' Triq Viani u tibda Triq Ġorġ Pisani,

73.11.2 il-Kunsill jagħmel bozza temporanja bejn id-dar bin-numri 25 u 26 fi Triq San Duminku, jekk iż-żewġ sidien jagħtu l-kunsens tagħhom. Dan sakemm jinbena l-post 23 fl-istess triq li qabel twaqqa kellu bozzza mal-faċċata;

**73.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa spiċċat fid-21.30 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Erbgħa 24 t'Arpil 2019 fis-19.30.

Av. Samuel Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv